MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 213/2005/1

**Nello Micallef (I.D. Nru 52096(M) )**

**vs**

**Pater Finance Co. Ltd (C22643)**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Gunju, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti digriet fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta illi l-intimati innotifikaw lis-socjeta konvenuta bl-ittra ufficjali kopja ta' liema hija esebita mar-rikors u mmarkata Dokument A li huma ippruvaw jirrendu esekuttivi l-kambjalijiet hemm msemmija;

Illi fil-fatt ir-rikorrent ma ghandu jaghti xejn lill-intimati u dan billi l-kambjali in kwistjoni jirraprezentaw bilanc ta' prezz ta' karozza liema bilanc ta' prezz mhux dovut billi l-karozza lilu mibjugha u cioe l-karozza Alfa Romeo Nru NEL 156 kienet affetta minn vizzji mohbija u ghalkemm l-intimati ppruvaw issewwu f'diversi okkazzjonijiet u baqghu sa recentement iwieghdu li kienu f'posizzjoni jsewwuwa b'mod li d-difett jigi eliminat kompletament baqghu ma ghamlu xejn;

Illi fil-fatt fis-16 ta' Mejju 2003 r-rikorrenti kien gie imwieghed li l-intimati kienu ser jiktbu barra biex ikunu f'posizzoni li jsewwu l-karozza minghajr ebda hlas da parti tar-rikorrenti.

Illi nonostante dan il-karozza regghet waqfet darbtejn ohra wara li saritilha dik it-tiswija u fid-data tal-prezentata tar-rikors kien jidher evidenti li nonostante l-weghda taghhom l-intimati ma humiex f'posizzjoni jew ma ghandhomx il-kapacita li jsewwuwa u jgibuha tahdem kif weghdu;

Illi ghalhekk l-intimati huma moruzi fl-adempiment tal-obbligi minnhom assunti in konnessjoni mal-bejgh u riparazzjoni tal-fuq imsemmija karozza u ghalhekk ir-rikorrent ghandu d-dritt li jzomm il-hlas tal-bilanc tal-prezz dovut sakemm l-intimati jadempixxu l-obbligi minnhom assunti skond kif mehtieg.

Talab bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjalijiet imsemmija fl-ittra ufficjali ezebita mar-rikors, billi l-ammont mitlub fl-istess ittra ufficjali mhux dovut minhabba li l-intimati huma inadempjenti fl-obbligi minnhom assunti.

Rat l-istess ittra ufficjali in esami a fol 3 tal-atti, id-digriet taghha precedenti (fol 4 ibid) kif ukoll ir-risposta tas-socjeta intimata (fol 11 u 12 tal-atti) u li biha s-socjeta intimata esponiet bir-rispett:-

Illi s-socjeta' esponenti giet notifikata b'rikors intavolat mir-rikorrenti a tenur tal-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12, li fiha l-istess rikorrent talab lil dina l-Onotabbli Qorti

joghgobha tissospendi l-esekuzzjoni ta’ numru ta’ kambjalijiet iffirmati mill-istess rikorrenti favur is-socjeta’ esponenti, u dana wara li permezz ta’ ittra ufficjali debitament notifikata lir-rikorrenti s-socjeta’ esponenti ppruvat tirrendi esekuttivi l-istess kambjalijiet.

Illi permezz ta’digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti, filwaqt li ordnat in-notifika tar-rikors odjern lis-socjeta’ esponenti, awtorizzat lill-istess socjeta’ esponenti sabiex fi zmien jumejn (2) taghmel risposta.

Illi s-socjeta’ esponenti topponi ghat-talba tar-rikorrenti stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt,u dana ghas-segwenti ragunijiet:

Illi fil-mertu, it-talba tar-rikorrenti ma tinkwadrax ruhha f’wahda miz-zewg ragunijiet msemmija fil-proviso tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12, ossija meta l-firma li tidher fuq il-kambjala relattiva ma tkunx tal-persuna li tkun qed taghmel talba a tenur tal-imsemmija disposizzjoni, jew fejn dik il-persuna tressaq ragunijet ohra gravi u validi, u jekk tirrizulta wahda minn dawn iz-zewg ragunijet, allura l-persuna (f’dan il-kaz is-socjeta’ esponenti) li tkun qed tesigi l-hlas ta‘ dik il-kambjala tkun trid tipprocedi b’kawza skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc.

Illi r-rikorrenti jallega li l-vettura li x-xiri taghha da parti tieghu kien kopert bil-kambjalijiet in kwistjoni kienet affetta minn vizzji mohbija, liema allegazzjoni s-socjeta’ esponenti qed tichad bil-qawwa kollha. Imma anke li kienu kien il-kaz, dan il-fatt wahdu ma jistax jikkostitwixxi r-raguni gravi u valida li jitlob il-proviso tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(a) fl-ewwel lok, ir-rikorrenti kellu iktar minn rimedu wiehed (sabiex <u>fl-interess tieghu</u>, jevita l-procedura mibdija mis-socjeta’ esponenti li tirrendi esekuttivi l-kambjaljiet in kwistjoni )sija *ex contractu*, a bazi tal-garanzija relattiva mahruga mis-socjeta’ esponenti, kif ukoll *ex lege* a bazi tal-Artikolu 1424 *et seq*. tal-Kap. 16, liema rimedji l-istess rikorrenti ghazel li ma jizufruwiex minnhom irrimedjabilment, u dana jinghad partikolarment

in kwantu l-fatt li talba li jista’ jaghmel ir-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 1424 *et seq.* tal-Kap. 16 illum, tkun kolpita bil-preskirzzjoni perentorja ta’ sitt (6) xhur. Id-drittijiet li issa qed jippretendi r-rikorrenti,huma l-istess drittijiet naxxenti minn kull wahda mill-azzjonijiet gudizzjarji msemmija hawn fuq, li l-istess rikorrenti ghazel li ma jezercitax.
(b) Fit-tieni lok, ladarba l-persuna li tkun qed tesigi l-hlas tal-kambjala relattiva tkun trid tipprocedi b’kawza skond id-disposizzonijiet tal-Kodici tal-Kummerc, kemm ‘il darba l-Qorti, li quddiemha ssir talba a tenur tal-*proviso* tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 16, joghgobha tissospendi l-esekuzzjoni ta’dik il-kambjala, ir-raguni gravi u valida li tippostula din id-disposizzjoni necessarjament hija ekwiparabbli ghar-raguni gravi u valida li jippostula l-Kodici tal-Kummerc sabiex wiehed, b’success jaghmel opposizzjoni ghall-hals ta’ kambjala. Fdan il-kuntest issir referenza ghall-Artikolu 198 tal-Imsemmi Kodici. Ma kienx l-intenzjoni tal-legislatur li jillimita d-drittijiet naxxenti minn kambjala, anzi ghall-kuntrarju, u ghalhekk filwaqt li introduca emenda fis-sens li b’semplici ittra ufficjali, kambjala tikkostitwixxi titolu esekuttiv, favur id-debitur l-istess drittijiet (ta’ opposizzjoni) diga rikonuxxuti fil-Kodici tal-Kummerc.

Ghaldaqstnat, ghar-ragunijiet premessi, is-socjeta’ esponenti talbet bir-rispett sabiex tichad it-talbiet rikorrenti, bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat dak verbalizzat a fol 15 tal-atti kif ukoll in-nota tas-socjeta intimata a fol 16 ibid u il-kopja tas-sentenza annessa u hemm citata kif ukoll il-kopja tal-kambjalijiet annessi minn fol 27 sa fol 40 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz, jinvoli l-procedura introdotta recentement u li biha kambjalijiet jistghu jigu resi bhala titoli esekuttivi skond dak li jinghad fl-artikoli 253 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-istess artikoli jispecifika z-zewg kazijiet meta d-debitur jista’ jitlob, permezz ta’ rikors, li l-esekuzzjoni ta’ kambjala jew kambjalijiet tista’ tigi sospiza mill-Qorti.

Dawn il-kazijiet huma:-

a) meta l-firma fuq il-kambjala ma tkunx il-persuna li tkun qed taghmel talba bhal dik in esami jew
b) meta l-istess persuna iggib a konjizzjoni tal-Qorti ragunijet ohra gravi u validi.

Illi mir-rikors in esami jidher car li r-rikorrenti qed jaghmel it-talba in esami a basi tat-tieni kawzali billi hu qed jallega, fir-rikors in esami, illi l-kambjalijiet in esami jirraprezentaw bilanc ta’ prezz ta’ karozza mixtrija minnu, liema bilanc ma hux dovut peress li l-istess karozza ‘… kienet affetta min vizzji mohbija, b’tentattivi inutili da parti tas-socjeta’ intimata sabiex jigu rimedjati tali difetti sa mis-16 ta’ Mejju 2003 bhala minimu.  A basi ta’ dan ir-rikorrenti qed jikkontendi illi ghandu d-dritt li ma jhallasx il-bilanc in kwistjoni sakemm is-socjeta intimata tadempixxi l-obbligi minnhom assunti u mehtiega.

Illi, fir-risposta taghha is-socjeta intimata issostni, li dan il-kaz ma’ jinkwadrax ruhu f’wahda mill-kawzali citati sabiex tista’ issir opposizzjoni ghall-esekuzzjoni ta’ kambjala jew kambjalijiet.  Difatti s-socjeta intimata, oltre li tichad li l-istess karozza kienet affetta minn xi difett mohbi, tghid ukoll, illi anke jekk dan kien minnu, dan ma jikkostitwiex raguni valida u gravi sabiex it-talba in esami tigi akkolta. Difatti fl-istess risposta jinghad illi r-rikorrenti kellu a dispozizzjoniet tieghu aktar minn rimedju wiehed sabiex din il-procedura setghet tigi evitata u dan kemm a bazi tal-garazija miftehma rilaxxata mill-venditur kemm a basi tal-artikolu 1424 et seq tal-Kodici Civli ossija il-garanzija, ‘ex lege’ li kull venditur ghandu jaghti in rigward difetti mohbija.  Difatti jidher li r-rikorrenti ma uzax sallum, xi rimedju disponibbli ghalih vis-à-vis ix-xiri da parti tieghu, tal-vettura in kwistjoni allegatament difettuza, liema rimedji jinsabu elenkati hawn fuq.  Ta’ minn jaccerna ghall-fatt illi l-istess rikorrenti ma ghamilx referenza ghar-rimedju iehor li kien disponibbli ghalih skond kif hemm indikat fl-artikolu 1390, tal-Kodici Civili in rigward oggett mixtri u konsenjat mhux skond il-kwalita pattwita’.

Ikkunsidrat

Illi, oltre dan, jidher mill-kambjalijiet in atti a fol 27 sa fol 40 illi, effettivament l-istess kambjalijiet kienu gew girati mis-socjeta’ intimata lil “HSBC Bank Malta p.l.c.” liema bank sussegwentement rega’ ggirhom lura lis-socjeta intimata, prattika, li hi segwita f’kaz ta ‘discounting’ ta’ kambjalijiet meta d-debitur ma jkunx effettiva l-pagament lill-bank involut. Ghalhekk dak li jsostni r-rikorrenti, f’pagna 2 paragrafu A tan-nota tal-osservazzjonijiet sottomessa mill-abili difensur tar-rikorrenti ma hix sostenibbli. Difatti fl-istess nota jinghad “.. tant li meta jigu girati, il-kambjali jinqatghu mill-obligazzjoni sottostanti u jsiru kompletament awtonomi u indipendenti minn tali obbligazzoni.

Ikkunsidrat

Illi, in riassunt, a basi ta’ dak premess, it-talba in esami ma tistax tigi akkolta tenut kont illi ir-rikorrenti sallum ma uza l-ebda rimedju disponibbli ghalih skond il-ligi vis-à-vis l-‘underlying obligation” kif hawn fuq spjegat u dan avolja l-kambjaljiet inhargu fl-17 ta’ Dicembru 1999 u skadew bejn l-1 ta‘ Mejju 2003 sal-1 ta’ Jannar 2005 kif ukoll illi f’dan il-perjodu l-istess kambjalijiet, effettivament, kienu gew girati.

Illi fl-ahharnett, f’kazijiet bhal dawn in esami, ghandu jigi notat illi l-artikolu 198 (1) u (2) tal-Kodici tal-Kummerc.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talba in ezami bl-ispejjes, fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz jibqghu bla taxxa.”

Ir-rikorrenti Nello Micallef appella minn dan id-digriet moghti mill-ewwel Qorti bl-aggravji f’ dawn it-termini:-

(1) Dik il-Qorti naqset li tiehu konjizzjoni tan-Nota tieghu ta’ sottomissjonijiet b’ mod li gie lez lilu d-dritt ghal smigh xieraq;

(2) Kien hemm ragunijiet gravi fil-ligi biex it-talba tieghu ghas-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni tal-kambjalijiet

tigi milqugha. F' dan il-kunstest l-appellanti jinsisti, bl-enfasi li jaghmel ghad-drittijiet tal-Konsumatur (Kapitolu 378) u d-direttivi ta' l-Unjoni Ewropeja, illi hu kellu d-dritt jikkontesta l-kambjali minhabba l-obbligi sottostanti, u dan indipendentement mill-portatur tal-kambjali;

Fit-twegiba taghha ghall-appell hekk interpost, is-socjeta` appellata ssollevat, fl-ewwel lok, l-inappellabilita` tad-digriet moghti. Fit-tieni lok u fil-meritu, issottomettiet li d-digriet kien konformi ghad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kodici tal-Kummerc u l-gurisprudenza affermata;

Jibda biex jigi registrat b' introduzzjoni preliminari illi kien ilu jinhass il-bzonn illi l-legislatur Malti jirrikonoxxi u jivvesti lit-titolu kambjarju b' setgha ezekuttiva, minghajr il-htiega ta' azzjoni *ad hoc* u kanonizzazzjoni b' sentenza tal-kreditu rapprezentat mill-kambjala. Dan, ghaliex, kif rikonoxxut u stabbilit f' kazistika pacifika, il-kambjala "fil-prattika hi kunsidrata kwazi bhala titolu ezekuttiv" (**Kollez Vol. XLV P I p 478**), tant li kien inghad li "*secondo la pratica costante di questo tribunale il pagamento di una cambiala accettata e scaduta viene sempre ordinato quando le eccezioni sono tali da richiedere lunga indagine sotto quelle cautele che il prudente arbitrio della Corte credesse opportuno*" (**Kollez. Vol. XX P III p 15**). Kien ghal din ir-raguni ta' l-esigenzi merkantili u tal-pratticita` guridika li z-zieda apportata ghall-Artikolu 253 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, bl-Att IX ta' l-2004, irrendiet definittivament lil kambjala bhala titolu ezekuttiv;

L-introduzzjoni ta' din l-aggunta ghat-titoli ezekuttivi gab, b' effett, illi issa l-process kambjarju sar jiddistingwi ruhu mill-moduli processwali l-ohra prevvisti fil-Kapitolu 12. Dan bl-intenzjoni kalkolata li d-dritt inkorporat fid-dikjarazzjoni tal-kambjala jigi sodisfatt b' aktar heffa u b' hekk jikkonsentixxi lill-kreditur irkupru aktar spedit ta' l-ammont dovut lilu. Naturalment, kif dettat mill-istess ligi – subincis (e) ta' l-Artikolu 253 – biex il-kambjala

tikkostitwixxi effikacja ezekuttiva din trid tkun konformi ghan-normi inerenti ghaliha taht il-Kodici tal-Kummerc;

Dan premess, il-proviso, imbaghad, tal-precitat artikolu tal-ligi procedurali jahseb, kif inhu xieraq, ghall-opposizzjoni ta’ l-ezekuzzjoni tal-kambjala u l-istanza idonea tendenti ghas-sospensjoni ta’ l-istess ezekuzzjoni. Opposizzjoni din li hi limitata u cirkoskritta ghall-kaz ta’ xi wahda minn dawn ic-cirkostanzi:-

(a) minhabba li l-firma fuq il-kambjala ma tkunx taghha jew tal-mandatarju taghha;

jew (b) fejn il-persuna ezekutata tressaq ragunijiet ohra gravi u validi biex topponi l-ezekuzzjoni;

Hi proprju din l-ahhar imsemmija cirkostanza li l-appellant iressaq ‘il quddiem bhala motiv ghall-opposizzjoni tieghu;

Kif inhu maghruf, fuq l-istregwa tal-principji dottrinali u gurisprudenzjali stabbiliti, l-eccezzjonijiet opponibbli lill-possessur huma dawk reali ossija assoluti, jew dawk personali ossija relattivi (ara **Kollez. Vol. XXX P III p 429**). Taht l-ewwel klassi ta’ eccezzjonijiet huma annoverati, per ezempju, l-invalidita` tal-kambjala minhabba difetti tar-rekwiziti formali dettati mill-Artikolu 123 tal-Kodici tal-Kummerc jew dik relattiva ghall-vizzju sostanzjali tad-dikjarazzjoni kambjarja (difett ta’ kapacita` jew ta’ rapprezentanza fil-mument ta’ l-emissjoni tal-kambjala). Taht it-tieni katergorija ta’ l-eccezzjonijiet personali hemm, ad ezempju, dawk tal-malafede jew d-dolo (ara “**Lorenzo Ceci -vs- Alfred J. Baldacchino**”, Qorti tal-Kummerc, 8 ta’ Otturbu 1974 per Imhallef Giovanni Refalo u s-sentenzi fiha kompendjati). Skond id-duttrina Taljana hemm ukoll dawk “*desumibili dal rapporto sottostante in base al quale è stata assunta l’ obbligazione*”, ad ezempju, li l-possessur tal-kambjala “*non ha eseguito una contraprestazione prevista nel contratto*” (Giulio Disegni “**Cambiali e Assegni**”, Editore Giappichelli, 2005). Hu dan ir-rapport sottostanti ossija l-

*causa obligationes* tal-kuntratt ta’ kompravendita tal-vettura li l-appellant igib in diskussjoni bhala raguni valida u gravi fl-ambitu ta’ l-opposizzjoni tieghu. In tema, il-gurisprudenza lokali, tista’ tghid, hi wahda konkordi fis-sens li f’ azzjoni kambjarja l-eccezzjonijiet ma ghandhomx jiskonfinaw biex jihdlu fil-kamp ta’ obbligazzjonijiet ohra, lanqas bejn it-traent u t-trajettarju. Dan il-hsieb hu fondat fuq il-portata ta’ l-Artikolu 198 tal-Kapitolu 13 li, essenzjalment, ma jridx li jigi ttardjat il-kanonizzazzjoni tal-kreditu kambjarja b’ eccezzjonijiet li, ghalkemm personali, ma jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fl-istess procediment. Dawn l-eccezzjonijiet invece kellhom jibqghu rizervati ghall-kawza *ad hoc*. Ara **Kollez. Vol. XXIX P I p 1528** u “**Adrian Busietta *nomine* -vs- Marco Attard *nomine***”, Appell, 9 ta’ Frar 2001. Il-Kodici Civili Taljan relattiv ghall-istitut tal-kambjali ma jidherx li jikkontjieni disposizzjoni konsimili;

Premessi s-suesposti konsiderazzjonijiet ta’ indoli preliminari u generali, fil-kaz in ezami jidher, fil-hsieb tal-Qorti, li hemm dawn ir-riflessjonijiet importanti x’ isiru:-

(1) L-appellanti jikkontendi li l-vettura minnu mixtrija kienet affetta minn difett mohbi, u, nonostante, riparazzjonijiet li sarulha u weghdiet li d-difett jigi eliminat, l-istat difettuz taghha baqa’ dak li kien. Huwa ghalhekk jinsisti li s-socjeta` intimata kienet inadempjenti fl-obbligi taghha naxxenti mill-kuntratt ta’ bejgh. Jirraguna, ghalhekk, li *qua* konsumatur, huwa ghandu dritt jikkontesta l-kambjali minhabba dawn l-istess obbligi sottostanti. Kif aktar ‘il fuq espost, il-kambjala tibbenefika minn regim processwali partikulari u allura, anke kieku kien jitratta minn gudizzju ordinarju, u mhux minn dak specjali tal-procediment ezekuttiv, kif inhu l-kaz hawnhekk, l-istess ragunament ta’ l-appellanti ma setax jigi sostenut. Jidher effettivament mill-istess sottomissjonijiet ta’ l-appellanti illi l-kwestjonijiet mas-socjeta` appellata kienu ghadhom irrizolti u certament allura li l-pendenzi allaccjati mar-rapport negozjali ta’ kompro-vendita` jew tar-riparazzjonijiet ma kienux ta’ facili determinazzjoni u li setghu jigu decizi malajr fl-istess

azzjoni kambjarja, minghajr, s' intendi, ma jkun sew intralcjat il-hlas tal-kambjali. Ara ghal dak li jiswa f' dan il-kuntest d-decizjonijiet fl-ismijiet "**Adrian Busietta *nomine* -vs- Philip Gatt *nomine***" (Citazz. Nru. 760/93), Appell, 31 ta' Mejju 1996 u "**United Acceptances Finance Limited -vs- Mario Grech *proprio et nomine***", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;

(2) Il-fatt li l-appellant jikklassifika lilu nnifsu bhala konsumatur ghandu, iva, ifisser li hu konsentit il-harsien u d-drittijiet legali kollha akkordati lilu mil-ligijiet. *Inter alia*, li jazzjona lil venditur minhabba ragunijiet ta' inadempjenza kontrattwali jew ghal motivi ohra, ad ezempju, fil-kaz ta' difetti mohbija, bl-azzjoni in garanzija. Dawn id-drittijiet ma humiex fil-verita` imnehhija lilu bl-azzjoni kambjarja, tant li n-negozju originarju kien, u hekk jibqa' nonostante azzjoni bhal din, suggett ghall-kontestazzjoni u verifiki. Maghdud dan, l-appellanti ma jistax jippretendi li dak li ma ghamelx permezz ta' l-azzjonijiet idonei disponibbli, u fit-termini statutorji preskritti, jista', u ghandu dritt jaghmlu, bl-insistenza tar-ricerka tar-rapport kontrattwali intervenut, meta jigi rinfaccjat b' sejha regolari ghall-hlas, in lineja ordinarja jew ezekuttiva, tal-kambjali. Hi, pjuttost, sfaccatagni kbira, jekk mhux ukoll, inawdita, li jigi pretiz mill-gudikant fil-procedura ta' opposizzjoni li dan ghandu jirricerka u jezamina ragunijiet marbuta ma' l-obbligazzjoni sottostanti, anke 'l hinn mill-principji normattivi maghrufa u interpretati meta l-appellant, *qua* debitur obbligat, ma jkunx ha l-briga li jgib 'il quddiem l-impunjattiva tar-rapport negozjali bl-azzjoni li kien imissha;

(3) Jekk hemm bzonn jigi ripetut, l-opposizzjoni intiza mill-appellanti ghandha fir-realta`, u ghall-effetti kollha, rapport extra-kambjarju kollegat man-negozju li minnu twieldu l-obbligazzjonijiet. Invece, l-azzjoni kambjarja ma tiddependix minn dan imma mill-pussess tat-titolu ta' kreditu, u mahsuba biex wiehed igib fil-gudizzju, jew fil-procedura adottata, id-dritt inkorporat fil-kambjala nnifisha, fl-espressjoni karatterjali shiha taghha, letterali u awtonoma;

(4) Hemm, fuq kollox, konsiderazzjoni ohra li trid issir f' dan il-kaz. Is-socjeta` appellata tikkontendi li la darba l-kambjali gew girati lilha dawn akkwistaw ezistenza awtonoma. Dan fis-sens li "*il diritto menzionato nel titolo sorge in capo a ciascun possessore come diritto autonomo, ossia nuovo e originario, rispetto a quello dei precedenti possessori*" ("**Giulio Disegni, op. cit. pagna 7**). L-appellant jaccetta li kien hemm din il-girata, pero`, ciononostante huwa, xorta wahda, jinsisti fuq il-kontenzjoni tieghu illi gjaladarba s-socjeta` appellata kienet in mora fl-obbligazzjonijiet taghha hi giet li ppregudikat id-drittijiet tieghu. Huwa jenfasizza dan, naturalment, biex isahhah l-argoment kollu tieghu ta' l-ezistenza ta' dik ir-raguni "gravi u valida" li jippreciza l-proviso tad-dispost tal-ligi fl-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12;

(5) Ir-risposta ghal dan l-argoment hu dan. Qabel xejn ma jistax ikun hemm dubju illi d-dritt li wiehed jipprocedi ghall-ezekuzzjoni forzata fuq il-bazi tat-titolu kambjarju jispetta lil kull min hu l-portatur legittimu tat-titolu, anke bis-sahha tal-girata. Dan ghaliex kull min jobbliga ruhu permezz ta' kambjala, jaghmel dan mhux biss di fronte ghat-traent imma ukoll fil-konfront ta' kull giratarju. Intqal a propozitu, "fil-verita` jekk jigi abbandunat dan il-principju dan ikun ifisser li l-kambjala titlef in-natura essenzjali taghha ta' obbligazzjoni awtonoma indipendenti minn negozju li jipprovoka l-ezistenza taghha. Ma jibqax ikollha valur bhala titolu negozjabbli ghax hadd ma jibda jaccetta kambjala gustament girata jekk ikollu qabel jindaga dwar il-validita` tan-negozju bejn il-partijiet li jkunu fl-ewwel lok iffirmaw il-kambjala" – "**P.L. Adrian Borg *nomine* -vs- Christopher Grech *et nomine et***", Appell, 7 ta' Ottubru 1996;

(6) Dejjem skond il-kazistika tal-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, "*perche possono opporsi al giratario le eccezioni derivanti dei rapporti extracartolari opponibili al girante, se non occorre la prova di una vera e proprio collusione tra girante e giratario, è almeno necessario la dimostrazione che l' acquisto del titolo sia stato fatto con l' intento di danneggiare il debitore e con il proposito di*

*impedirgli le difese, privandolo delle eccezioni che avrebbe potuto opporre al portatore precedente*” (**Cass. 14 ta’ Lulju 1987, Nurmu 6350**; **Cass. 24 ta’ Jannar 1980, Nru 577**). Anke jekk fil-kaz taghna ma humiex permissibbli eccezzjonijiet personali derivanti minn rapporti sottostanti li jirrikjedu stharrig “*di lunga indagine*”, li ssemmi l-ligi u l-gurisprudenza, lanqas sa hawn ma wasal l-appellant biex jipprova l-intent specifiku jew il-kolluzjoni li ssemmi l-kazistika tal-Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni;

(7) Fin-Nota ta’ l-Osservazzjonijiet tieghu quddiem l-ewwel Qorti l-appellanti jissottometti illi gjaladarba s-socjeta` UCIM Co. Ltd, possessur orginali tal-kambjali, u s-socjeta` appellata, *qua* giratarja, ghandhom l-istess ufficcju u l-istess azzjonisti u diretturi, huma ma jistghux jitqiesu kumpaniji indipendenti minn xulxin. Jikkontendi ghalhekk illi, ghall-iskop tal-proceduri *de quo*, il-girata ma tilhaqx il-presupposti legali biex il-kambjali jikkrejaw dritt awtonomu mill-obbligazzjoni sottostanti. Din il-Qorti, bir-rispett kollu, ma taqbelx ma’ dan ir-ragonament. Apparti li ma hemm xejn *a priori* anormali jew suspettuz illi fi hdan ta’ “Group” ikollok socjetajiet diversi, anke bl-istess amministrazzjoni direzzjonali, dan ma jfisserx u ma jgibx ghal daqshekk biss illi ma ghandhomx kull wahda minnhom personalita guridika distinta, jew ghall-kaz specifiku, illi tonqos fis-socjeta` appellata l-bwona fede minhabba dik ir-raguni. Kif maghruf, hi ligi li l-bwona fede hi prezunta u biex il-kuntrarju jkun il-kaz il-piz tal-prova tal-mala fede jaggrava dejjem fuq min jqanqalha u jgibha ‘l quddiem (Artikolu 532, Kodici Civili). Kif gja inghad, din il-prova ma saretx adegwatament u b’ mod konvincement, u allura mhux mistenni li l-Qorti ghandha tikkuntenta ruhha b’ semplici insinwazzjonijiet jew kongetturi;

(8) In vista tal-kunsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, l-aggravju principali ta’ l-appellant ma jistax jigi akkolt u fil-fatt ser jigi respint;

Jifdal li jigu investiti zewg kwestjonijiet ohra devoluti lil din il-Qorti mill-partijiet fil-procedura. Dan b’ referenza ghall-ewwel aggravju ta’ l-appellant u tal-pregudizzjali sollevata mis-socjeta` appellata;

Kwantu ghall-aggravju ta’ l-appellant dan, *ex facie* il-pronunzjament ta’ l-ewwel Qorti, jirrizulta ghal kollox inattendibbli. Ezami anke superficcjali tieghu juri li l-kuntrarju hu l-kaz. L-ewwel Qorti mhux biss ma injoratx in-Nota ta’ l-Osservazzjonijiet ta’ l-appellant talli, addirittura, ikkummentat dwar xi aspetti ventilati fiha. Jekk, imbaghad, dik il-Qorti ma accettatx ir-ragunament lilha sottomess f’ dik in-Nota dan ma jgibx, b’ konsegwenza, illi kien hemm vjolazzjoni fil-konfront ta’ l-appellant tad-dritt fundamentali tas-smigh xieraq. Anke allura dan l-aggravju jimmerita li jigi skartat;

Riferibilment dwar il-pregudizzjali mqajma mis-socjeta` appellata li l-proviso ta’ l-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12 ma jipprovdix ghall-appellabilita` tad-digriet ta’ cahda, jibda biex jigi osservat illi kull ma jghid dan il-proviso hu li digriet ta’ sospensjoni ta’ l-esekuzjoni tal-kambjali mhux suggett ghall-revizjoni minn din il-Qorti. Fil-kaz ta’ cahda tat-talba oppozitorja il-proviso ma jsemmi xejn. Ikun zball, pero`, fil-hsieb tal-Qorti, illi wiehed jassumi fl-astratt illi ghaliex il-ligi ma tipprovdix ghal sitwazzjoni simili *ergo*, u *quod erat demonstrandum*, id-digriet ta’ cahda mhux appellabbli. Wiehed logikament jifhem illi meta l-legislatur ippreskriva f’ liema cirkostanza ma jistax isir appell mid-digriet hu dak li kellu jigi osservat in kwantu jikkorrispondi ghall-intenzjoni manifesta tieghu. *Ubi lex voluit, dixit*. La darba l-ligi ma qaletx ukoll illi l-inappellabilita` tghodd ghal digriet ta’ cahda, wiehed ma ghandux jinferih mis-skiet tal-ligi. Una volta li l-ligi ma teskludihx u ma tipprekludihx fil-kaz in ispecje, id-digriet moghti mill-qorti ta’ l-ewwel grad mhux eskluz mit-tutela tad-dritt ta’ l-appell. Il-pregudizzjali sollevata qed tigi, ghal din ir-raguni, respinta.

Fermi l-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula u prevja c-cahda tal-pregudizzjali ta' l-inappellabilita` tad-digriet avvanzata mis-socjeta` appellata, din il-Qorti tirrespingi l-appell interpost u b' hekk tikkonferma d-digriet appellat, bl-ispejjez, anke ta' din l-istanza, a karigu ta' l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------